



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11830/22

LIMITE

CORLX 748
CFSP/PESC 1083
MAMA 162
FIN 1071

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u
entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi
diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li l-entrati għal seba' persuni u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-difiża tagħhom u d-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jitħassru.
- (3) Għalhekk l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/72/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Fit-taqsimiet A u B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

- "4. Mohamed Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI";
- "36. Kaïs Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "37. Hamda Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "38. Najmeddine Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "39. Najet Bent Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "43. Imed Ben Habib Ben Bouali LTAIEF";
- "44. Naoufel Ben Habib Ben Bouali LTAIEF".